# Skema – Servizzi waqt Attivitajiet

## LINJI GWIDA / REGOLAMENTI

### L-Iskema

Din l-iskema qed tiġi mnedija mill-Aġenzija għall-Infurzar Lokali (LESA) u l-Kunsill Malti għall-Arti, bil-għan li tingħata għajnuna sabiex jitwettqu attivitajiet skont dawn ir-regolamenti.

F'din l-iskema 2025–2026, LESA qed tikkommetti ruħha li tinvesti s-somma ta' sitt mitt elf ewro (€600,000), maqsuma fuq sentejn.

### Is-Servizzi Eliġibbli

Din l-iskema tkopri diversi servizzi tal-Korp tal-Pulizija, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-Aġenzija LESA fl-oqsma ta' buon ordni, sigurtà, u mmaniġġjar tat-traffiku. Is-servizzi użati għandhom ikunu prospettati matul il-perjodu ta' validità tal-iskema, jiġifieri bejn Lulju 2025 u Ġunju 2027.

### Applikanti Eliġibbli

Is-servizzi jistgħu jintużaw waqt attivitajiet organizzati minn entitajiet mhux governattivi jew għaqdiet volontarji fil-lokalitajiet. Is-servizzi ma jistgħux jiġu trasferiti lil partijiet terzi.

### L-Applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom isiru b'mod diġitali permezz ta' formala diġitali aċċessibli minn din il-link https://forms.gle/MuC79yFmC4G27qaQ6

Jista wkoll isir kuntatt permezz ta email fuq schemes.lesa@lesa.gov.mt

L-Amministratur għandu d-dritt li jimmodifika l-metodu tal-applikazzjoni minn żmien għal żmien. Applikanti jistgħu jippreżentaw aktar minn applikazzjoni waħda għal attivitajiet differenti.

## L-Ħlasijiet

Il-ħlasijiet isiru permezz ta' vawċers li jkopru l-ispejjeż mitluba, jew parti minnhom.

## L-Għażla

L-għażla u l-approvazzjoni tal-ħlasijiet hija fid-diskrezzjoni tal-bord imwaqqaf għal dan il-għan, u tali deċiżjoni tkun waħda finali.

## Reklamar

Kull materjal ippubblikat relatat mal-attività li se tibbenefika minn din l-iskema għandu jinkludi l-logo tal-LESA u tal-ACM.

## Kundizzjonijiet oħra

1) Applikazzjonijiet minn għaqdiet differenti għall-istess attivita' jiġu aċċettati biss sakemm ikunu għal servizzi differenti.
2) F'każ li jiġu sottomessi iktar minn applikazzjoni waħda għall-istess attività u għall-istess servizzi, tintlaqa' applikazzjoni waħda li tkun tkopri l-attività fl-intier tagħha.
3) Is-servizzi approvati jistgħu jiġu utilizzati biss kif approvat mill-bord tal-evalwazzjoni, u ma jistgħux jiġu mibdula mingħajr l-approvazzjoni tal-istess bord.
4) Kwalunkwe vawċer ta' servizz approvat li ma jiġix utilizzat skont l-applikazzjoni għandu jiġi ritornat.
5) Is-servizzi ma jistgħux jintużaw għal skopijiet kummerċjali.
6) L-LESA żżomm id-dritt li tirrevedi l-kundizjzonijiet minn żmien għal żmien.